IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.10.2017
COM(2017) 629 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament KE 1466/97 dwar il-missjoni ta' sorveljanza msaħħa fir-Rumanija

Dan ir-rapport dwar il-missjoni ta' sorveljanza msaħħa fir-Rumanija jiġi trażmess lill-Kunsill skont l-Artikolu -11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97[1]. Kif previst mill-Artikolu -11(5) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, is-sejbiet proviżorji ta' dik il-missjoni ġew trażmessi lir-Rumanija minn qabel għall-kummenti.

## Ir-Rumanija - Proċedura ta' Devjazzjoni Sinifikanti<br>Missjoni ta' sorveljanza msaħħa, 26-27 ta' Settembru 2017

## Rapport

### 1. Introduzzjoni

**B'konsegwenza tad-devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju (MTO) fl-2016, tnediet Proċedura ta' Devjazzjoni Sinifikanti (SDP) għar-Rumanija fir-rebbiegħa tal-2017.** Id-defiċit strutturali tal-Istat Membru żdied għal 2,5% tal-PDG fl-2016, minn inqas minn 1% fl-2015, minħabba tnaqqis sinifikanti f'taxxi indiretti u żidiet fil-pagi tas-settur pubbliku, B'konsegwenza, fit-22 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni ħarġet twissija lir-Rumanija u pproponiet lill-Kunsill biex iniedi SDP. Fir-rakkomandazzjoni tiegħu tal-SDP, approvata fis-16 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill talab lir-Rumanija biex tieħu miżuri biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma jaqbiżx it-3,3% fl-2017. Dan jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5% tal-PDG, li huwa l-isforz minimu meħtieġ taħt il-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST). Dan ifisser bżonn ta' miżuri korrettivi ekwivalenti għal 1,8% tal-PDG fl-2017, meta mqabbel mal-linja bażi minn tal-previżjonijiet ekonomiċi tal-Kummissjoni li saru fir-rebbiegħa 2017. Ir-Rumanija rrapportat lill-Kunsill kif kienet mitluba tagħmel, dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill sal-15 ta' Ottubru 2017. Il-Kummissjoni issa qiegħda tivvaluta l-kontenut tas-sottomissjoni tar-Rumanija.

**Il-missjoni ta' sorveljanza msaħħa mill-Kummissjoni seħħet fis-26 u s-27 ta' Settembru 2017**. Il-missjoni twettqet abbażi tal-Artikolu -11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Il-missjoni laqqgħet flimkien il-Ministeru tal-Finanzi Ionuţ Mişa, il-gvernatur tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija Mugur Isărescu, il-membri tal-Kunsill Fiskali tar-Rumanija u l-membri tal-kumitati baġitarji tal-Parlament Rumen. L-għan tal-missjoni kien li jitgħallmu iktar dwar l-azzjonijiet fiskali ppjanati mill-awtoritajiet Rumeni, biex tiżdied il-viżibbiltà tar-riskji fiskali u biex tiġi inkoraġġuta l-konformità mal-PST. Il-missjoni vvalutat ukoll l-iżviluppi fiskali u l-eżekuzzjoni baġitarja fl-2017.

### 2. Is-sejbiet tal-missjoni

**Ġie mifhum li l-awtoritajiet Rumeni ma għandhomx l-intenzjoni li jieħdu azzjoni fuq ir-rakkomandazzjoni tal-SDP.** Il-Ministeru tal-Finanzi kkonferma li l-mira għall-2017 tibqa'

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1

d-defiċit nominali ta' 3 % tal-PDG, filwaqt li aġġustament strutturali fl-2017 mhuwiex prijorità. Fir-rettifika tal-baġit tal-2017, li ġiet adottata mill-gvern f'nofs Settembru 2017, il-mira tad-defiċit nominali nżammet f'2,996% tal-PDG, filwaqt li ttejbet il-projezzjoni makroekonomika sottostanti. Dan jindika deterjorament fid-defiċit strutturali sottostanti meta mqabbel mal-baġit oriġinali tal-2017 li kien diġà ppjana pożizzjoni fiskali espansjonarja. Il-Ministru tal-Finanzi sostna li r-rakkomandazzjoni tal-SDP rakkomandazzjoni waslet tard fis-sena u għalhekk ħalliet ftit li xejn skop biex jiġi implimentat l-aġġustament strutturali rakkomandat.

**Ir-rettifika tal-baġit tal-2017 adottata reċentement ukoll tqajjem tħassib dwar il-kwalità tal-finanzi pubbliċi.** L-elementi ewlenin tar-rettifika fil-baġit huma: (i) reviżjoni 'l fuq tat-tkabbir fil-PDG minn 5,2 % għal 5,6 %; (ii) il-mira tad-defiċit pubbliku (kontanti) biex tinżamm fil-livell ta' 2,96 % tal-PDG; (iii) reviżjoni 'l isfel tad-dħul mit-taxxi (immexxija minn reviżjoni 'l isfel tal-VAT u tat-taxxa korporattiva ta' profitt), (iv) kontribuzzjonijiet soċjali u dħul mhux fiskali (jiġifieri dividendi minn impriżi tal-istat (SOEs)) li ġew riveduti 'l fuq. Iż-żieda fid-dividendi minn SOEs hija parzjalment minħabba talba għal dividendi minn profitti miżmum fi snin preċedenti; (v) min-naħa tal-infiq, l-infiq kapitali naqas b'madwar kwart; (vi) filwaqt li l-pagi tas-settur pubbliku kif ukoll il-benefiċċji soċjali żdiedu. F'termini ta' kompożizzjoni tal-baġit, ir-Rumanija adottat politiki li jżidu l-konsum fit-terminu qasir (tnaqqis fit-taxxi indiretti, żidiet fil-pagi pubbliċi) u li huma diffiċli biex jitreġġgħu lura, milli politiki mmirati biex jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku fit-terminu twil, bħat-titjib tal-assorbiment tal-fondi tal-UE jew fuq iż-żieda fil-kwalità tal-investiment pubbliku.

**L-awtoritajiet qed jimmiraw li jżommu defiċit nominali ta' 3 % tal-PDG fl-2018.** Il-Ministru tal-Finanzi tenna żewġ objettivi għall-2018: objettiv primarju taż-żamma ta' defiċit nominali ta' 3 % tal-PDG u, bħala objettiv sekondarju, it-tnaqqis fid-defiċit strutturali b'0,5 % tal-PDG. Il-missjoni osservat li, fid-dawl tad-differenza fil-produzzjoni pożittiva u li qed tiżdied, iż-żamma tad-defiċit nominali fil-livell ta' 3 % tal-PDG fl-2018 jimplika deterjorament fil-pożizzjoni fiskali strutturali.

**Skont il-projezzjonijiet tal-Kummissjoni, jekk wieħed jimxi max-xenarju tal-ebda bidla fil-politika, id-defiċit nominali x'aktarx li se jiżdied fl-2018 b'mod sostanzjali għal aktar minn 3 % tal-PGD, xprunat minn iktar żidiet sinifikanti fil-pagi pubbliċi.** F'Ġunju 2017, il-Parlament Rumen approva l-Liġi Unifikata dwar il-Pagi. Din il-liġi għandha l-għan li tarmonizza t-tabelli ta' klassifikazzjoni tal-pagi fis-settur pubbliku li bħalissa huma frammentati u tiddefinixxi s-salarju għal kull pożizzjoni tas-settur pubbliku. Hija tiddefinixxi t-triq biex jintlaħaq dan il-għan u tiddefinixxi s-sena 2022 bħala s-sena għall-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema l-ġdida tal-pagi. Il-pagi se jiżdiedu b'25 % għall-impjegati kollha tal-gvern f'Jannar 2018, b'żidiet annwali ta' 25 % tad-differenza bejn is-salarju ta' Jannar 2018 u s-salarju ta' mira għall-2022 minn hemm 'il quddiem. Is-setturi tas-saħħa u tal-edukazzjoni se jirċievu żidiet addizzjonali fl-2018 minbarra ż-żieda ġenerali ta' 25 % ta' Jannar 2018. B'konsegwenza, skont ix-xenarju tal-ebda bidla fil-politika, id-defiċit nominali huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti 'l fuq minn 3 % tal-PDG, possibbilment għal xi ftit aktar minn 4 % tal-PDG (stima iktar preċiża se tinkiseb matul l-eżerċizzju ta' previżjoni tal-

ħarifa). Għalhekk, sabiex jintlaħqu l-miri msemmija tal-2018, u wisq inqas biex jikkonformaw mal-fergħa preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-awtoritajiet jenħtieġu jadottaw miżuri ulterjuri.

**L-awtoritajiet qed jippjanaw li jittrasferixxu l-kontribuzzjonijiet soċjali totalment għal fuq l-impjegati sabiex jittaffa l-impatt fiskali tal-Liġi Unifikata dwar il-Pagi.** L-intenzjoni hija li tiżdied ir-rata tal-kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa mill-impjegati fuq il-pagi gross tagħhom. Il-gvern qed jippjana li jakkumpanja dan it-tibdil bi tnaqqis fir-rata ġenerali tal-kontribuzzjonijiet soċjali, mir-rata attwali ta' 22,75 % għall-impjegaturi u dik ta' 16,5 % għall-impjegati, u li jnaqqas ir-rata tat-Taxxa fuq l-Introjtu Personali minn 16 % għal 12 % jew għal 10 %. Il-gvern qed ifittex ukoll soluzzjoni legali li tiżgura li impjegaturi fis-settur privat iżidu l-pagi grossi tal-impjegati tagħhom b'tali mod li l-pagi netti tagħhom ma jġorrux l-ispiża tal-bidla fil-kontribuzzjonijiet soċjali.

**Il-gvern qed jikkunsidra wkoll it-treġġigħ lura tar-riforma tal-pensjonijiet tal-2008 li introduċiet it-tieni pilastru tal-pensjonijiet.** L-awtoritajiet qed jikkunsidraw tnaqqis fit-trasferiment tal-kontribuzzjonijiet soċjali għat-tieni pilastru tal-pensjonijiet li skont ir-regoli tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA), hija kklassifikata barra l-amministrazzjoni pubblika. Dawn it-trasferimenti jammontaw għal madwar 0,8 % tal-PDG annwali. Tali miżura tkun qed tnaqqas id-defiċit fiskali fuq medda qasira ta' żmien. Madankollu, il-gwadann fiskali fil-medda twila ta' żmien jonqos hekk kif il-kontribuzzjonijiet soċjali ddevjati mit-tieni pilastru jiġu akkumpanjati minn obbligu ta' ħlas ta' pensjonijiet tax-xjuħija fil-futur. Barra minn hekk, bidla bħal din jista' jkollha implikazzjonijiet negattivi fuq il-vijabilità tas-sistema tal-pensjonijiet u għall-iżvilupp tas-swieq kapitali. Il-missjoni wissiet kontra t-twettiq ta' tali bidliet profondi fis-sistema tal-pensjonijiet b'mod mgħaġġel, mingħajr l-analiżi xierqa u għal raġunijiet biss ta' tnaqqis tad-defiċit għall-medda qasira ta' żmien. In-nazzjonalizzazzjoni tal-assi akkumulati fit-tieni pilastru, li skont ir-regoli tal-ESA ma taffettwax id-defiċit tal-gvern, ma jidhirx li qed tiġi kkunsidrata f'dan il-punt.

**Il-missjoni ddiskutiet ukoll il-mekkaniżmu ta' pagamenti maqsuma tal-VAT li ġie adottat dan l-aħħar.** Fl-aħħar ta' Awwissu 2017, il-gvern adotta ordinanza ta' emerġenza li temenda l-Kodiċi Fiskali. L-ordinanza, li timmira li ttejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa, tobbliga lil kull min iħallas il-VAT biex jużaw kontijiet separati għal skopijiet ta' VAT minn Jannar 2018 'il quddiem. Il-missjoni enfasizzat li tali mekkaniżmu obbligatorju jista' jirrikjedi deroga minn qabel mid-Direttiva dwar il-VAT[2]. Il-Ministeru tal-Finanzi kkontesta l-ħtieġa ta' deroga u sostna li l-Kummissjoni m'għandhiex informazzjoni preċiża dwar din il-miżura.

**Il-Bank Nazzjonali tar-Rumanija ikkonferma l-politika fiskali pro-ċiklika u b'hekk ikkontribwixxa għat-tħassib tal-Kummissjoni fir-rigward tat-taħlita kurrenti ta' politiki.** Ir-Rumanija għaddejja minn qawmien ekonomiku kbir li huwa l-aħjar żmien biex terġa' tibni buffers fiskali għal tnaqqis eventwali. Madankollu, il-pożizzjoni fiskali tar-

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

Rumanija kienet ferm espansjonarja. Minn din il-perspettiva, il-politika fiskali tar-Rumanija tidher imprudenti u tikkundizzjona bil-qawwa l-politika monetarja.

**Il-missjoni qasmet fehmiet mal-membri tal-kumitati tal-Parlament Rumen dwar il-baġit u l-politika fiskali.** Il-membri kemm tal-koalizzjoni fil-gvern, kif ukoll mill-oppożizzjoni qasmu tħassib rigward il-kompożizzjoni tal-baġit, b'mod partikolari fir-rigward ta' tnaqqis fl-investiment pubbliku u l-impatt tiegħu fuq it-tkabbir fit-tul. Il-president tal-kumitati konġunti deher jikkunsidra li kien hemm bżonn ta' bidla fid-direzzjoni tal-politika fiskali u li jingħata bidu għal aġġustament strutturali fl-2018.

**Il-Kunsill Fiskali kkondivida t-tħassib tal-Kummissjoni fir-rigward tal-perspettiva fiskali.** Skont il-Kunsill Fiskali, id-defiċit strutturali se jiddeterjora sostanzjalment fl-2018 u d-defiċit nominali huwa previst li jaqbeż il-limitu ta' 3 % tal-PDG fin-nuqqas ta' miżuri fiskali kumpensatorji.

## ANNESS TAL-ISTATISTIKA

(*Data* ta' previżjonijiet ibbażat fuq il-previżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tar-rebbiegħa 2017) [3]

**Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn l-indikaturi ekonomiċi ewlenin għall-perjodu 2009–2018**

[3] Il-previżjonijiet tal-Kummissjoni se jiġu aġġornati f'Novembru 2017.

| | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017* | 2018* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Prodott Domestiku Gross** | *(bidla annwali fil-perċentwal, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor)* | | | | | | | | | |
| PDG Nominali (f'bn RON) | 511 | 534 | 565 | 595 | 637 | 668 | 711 | 761 | 806 | 860 |
| PDG fi prezzijiet kostanti | -7.1 | -0.8 | 1.1 | 0.6 | 3.5 | 3.1 | 3.9 | 4.8 | 4.3 | 3.7 |
| Konsum privat | -10.1 | 1.0 | 0.8 | 1.2 | 0.7 | 4.7 | 6.0 | 7.4 | 7.5 | 5.6 |
| Konsum pubbliku | 3.7 | -4.9 | 0.6 | 0.4 | -4.6 | 0.8 | 0.1 | 4.5 | 3.7 | 3.0 |
| Formazzjoni grossa tal-kapital fiss | -36.6 | -2.4 | 2.9 | 0.1 | -5.4 | 3.2 | 8.3 | -3.3 | 0.7 | 3.2 |
| Esportazzjonijiet | -5.3 | 15.2 | 11.9 | 1.0 | 19.7 | 8.0 | 5.4 | 8.3 | 6.9 | 6.2 |
| Importazzjonijiet | -20.7 | 12.6 | 10.2 | -1.8 | 8.8 | 8.7 | 9.2 | 9.8 | 9.3 | 8.1 |
| Kontribuzzjoni għat-tkabbir tal-PDG | | | | | | | | | | |
| Domanda domestika | -19.9 | -0.9 | 1.4 | 0.9 | -1.7 | 3.8 | 5.7 | 4.4 | 5.3 | 4.7 |
| Inventarji | 5.9 | 0.2 | -0.2 | -1.4 | 1.6 | -0.3 | -0.2 | 1.1 | 0.3 | 0.0 |
| Esportazzjonijiet netti | 6.9 | -0.1 | -0.1 | 1.1 | 3.6 | -0.3 | -1.6 | -0.7 | -0.5 | -0.3 |
| **Prezzijiet** | | | | | | | | | | |
| Inflazzjoni tal-HICP (medja) | 5.6 | 6.1 | 5.8 | 3.4 | 3.2 | 1.4 | -0.4 | -1.1 | 1.1 | 3.0 |
| Inflazzjoni tal-HICP (fi tmiem is-sena, kull trimestru) | 4.5 | 7.8 | 3.4 | 4.7 | 1.3 | 1.4 | -1.0 | -0.1 | 2.0 | 3.0 |
| **Suq tax-xogħol** | | | | | | | | | | |
| Impjieg totali | 9181 | 9156 | 9082 | 8645 | 8569 | 8635 | 8558 | 8481 | 8543 | 8573 |
| Rata tal-qgħad (armonizzata: 15-74) | 6.5 | 7.0 | 7.2 | 6.8 | 7.1 | 6.8 | 6.8 | 5.9 | 5.4 | 5.3 |
| **Kontijiet tal-Amministrazzjoni Pubblika** | *(f'perċentwal tal-PDG)* | | | | | | | | | |
| Defiċit tal-Gvern, definizzjoni tal-flus ** | -7.1 | -6.3 | -4.2 | -2.5 | -2.5 | -1.7 | -1.4 | -2.4 | -3.0 | -3.0 |
| Defiċit tal-Gvern, definizzjoni ESA2010 | -9.5 | -6.9 | -5.4 | -3.7 | -2.1 | -1.4 | -0.8 | -3.0 | -3.5 | -3.7 |
| Dejn gross, amministrazzjoni pubblika, definizzjoni ES/ | 23.2 | 29.9 | 34.2 | 37.3 | 37.8 | 39.4 | 38.0 | 37.6 | 39.3 | 40.9 |
| **Bilanċ tal-pagamenti** | *(f'perċentwal tal-PDG)* | | | | | | | | | |
| Kont kurrenti *** | -4.1 | -4.5 | -4.4 | -4.2 | -0.6 | -0.1 | -0.6 | -2.4 | -2.8 | -2.9 |
| Bilanċ tan-negozju | -6.4 | -6.1 | -5.6 | -5.0 | -0.8 | -0.4 | -0.6 | -0.9 | -1.9 | -2.3 |
| Bilanċ tal-kont finanzjarju u tal-kapital | -3.9 | -4.2 | -3.0 | -1.1 | 3.3 | 4.7 | 3.9 | 3.4 | n.a. | n.a. |
| Bilanċ FDI | -2.8 | -1.8 | -1.3 | -1.9 | -2.0 | -1.8 | -1.8 | -2.7 | n.a. | n.a. |
| Pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta | -62.1 | -62.3 | -64.2 | -67.9 | -61.7 | -56.8 | -51.1 | n.a. | n.a. | n.a. |
| Riżervi ta' muniti barranin (f'bn EUR) | 28.3 | 32.4 | 33.2 | 31.2 | 32.5 | 32.2 | 32.2 | 34.2 | n.a. | n.a. |
| Dejn estern gross | 67.4 | 72.9 | 74.1 | 74.7 | 68.0 | 63.0 | 56.5 | 54.7 | n.a. | n.a. |
| **Żviluppi monetarji u tar-rata tal-kambju** | | | | | | | | | | |
| Flus imfaddlin f'banek u fl-idejn (bidla annwali fil-%, fi tm | 9.0 | 6.9 | 6.6 | 2.7 | 8.8 | 8.4 | 9.3 | 9.7 | 12.2 | n.a. |
| Rata tal-politika tal-BNR (f'%, tmiem il-perjodu) | 8.00 | 6.25 | 6.00 | 5.25 | 4.00 | 2.75 | 1.75 | 1.75 | 1.75 | n.a. |
| Rata tal-kambju (lei/euro, tmiem il-perjodu) | 4.24 | 4.26 | 4.32 | 4.44 | 4.47 | 4.48 | 4.52 | 4.54 | 4.54 | n.a. |
| REER (deflatur tal-Kost ta' Unità Lavorattiva, bidla tal-% | 6.76 | 0.99 | -6.54 | -5.14 | 0.86 | 3.43 | -6.45 | 1.12 | n.a. | n.a. |

Noti:

* Previżjonjijiet jew l-iktar valuri reċenti

*** 2017 u 2018 huma previżjonjiet min-naħa tal-awtoritajiet Rumeni.

***Il-bilanċi tal-kont kurrenti u tal-kummerċ irrappurtati abbażi tal-aħħar previżjonijiet tal-Kummissjoni bl-Użu tad-Data dwar Kontijiet Nazzjonali.

**Sors:** BNR; il-Kummissjoni Ewropea

**Tabella 2: Kontijiet għall-perjodu 2015–2018 tal-amministrazzjoni pubblika**

| | Kodiċi ESA | 2015 | 2016 | 2017* | 2018* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet | D2 | 13.3 | 11.3 | 10.5 | 10.5 |
| 2. Taxxi kurrenti fuq id-dħul u l-ġid | D5 | 6.6 | 6.5 | 6.4 | 6.6 |
| *2a. - li minnhom imħallsin mill-unitajiet domestiċi u NPISH* | | 3.6 | 3.6 | 3.5 | 3.5 |
| *2b. - li minnhom, imħallsin minn korporazzjonijiet* | | 3.0 | 2.9 | 2.9 | 3.0 |
| 3. Kontribuzzjonijiet soċjali | D61 | 8.1 | 8.1 | 8.5 | 8.4 |
| 4. Bejgħ u dħul ieħor kurrenti | | 4.4 | 4.3 | 3.7 | 3.9 |
| **5. Dħul kurrenti totali** (1+2+3+4) | | **32.4** | **30.2** | **29.1** | **29.4** |
| | | | | | |
| 6. Kumpens lill-impjegati | D1 | 7.7 | 8.2 | 8.7 | 8.7 |
| 7. Konsum intermedju | P2 | 5.7 | 5.3 | 5.2 | 5.2 |
| 8. Trasferimenti soċjali *in natura* fornuti minn produtturi tas-suq | | 0.9 | 0.9 | 0.9 | 0.9 |
| 9. Trasferimenti soċjali li mhumiex *in natura* | D62 | 10.6 | 10.7 | 11.1 | 11.3 |
| 10. Imgħax | D41 | 1.6 | 1.5 | 1.6 | 1.6 |
| 11. Sussidji | D3 | 0.5 | 0.4 | 0.4 | 0.4 |
| 12. Nefqa kurrenti oħra | | 2.5 | 2.5 | 1.9 | 2.2 |
| **13. Nefqa kurrenti totali** (6+7+8+9+10+11+12) | | **29.4** | **29.5** | **29.7** | **30.3** |
| | | | | | |
| 14. Tfaddil gross (5-13) | B8g | 2.9 | 0.7 | -0.6 | -0.9 |
| 15. Trasferimenti kapitali, riċevuti | D9 | 2.7 | 1.5 | 1.6 | 2.1 |
| 16. Formazzjoni grossa tal-kapital fiss | P51 | 5.2 | 3.6 | 3.5 | 3.9 |
| 17. Nefqa kapitali oħra | | 1.2 | 1.6 | 1.0 | 1.0 |
| | | | | | |
| **18. Dħul tal-gvern totali** (5+15) | **TR** | **35.0** | **31.7** | **30.6** | **31.5** |
| **19. Nefqa totali tal-gvern** (13+16+17) | **TE** | **35.8** | **34.7** | **34.1** | **35.2** |
| **20. Self nett (+) / teħid ta' self nett (-)** (18-19) | **EDP B9** | **-0.8** | **-3.0** | **-3.5** | **-3.7** |

Nota:

* Previżjoni rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni Ewropea

**Sors:** * Kummissjoni Ewropea, previżjoni xitwa 2017

## Tabella 3: Aġġustament ċikliku tal-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika

| | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017* | 2018* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bilanċ tal-gvern (ESA 2010) | -9.5 | -6.9 | -5.4 | -3.7 | -2.1 | -1.4 | -0.8 | -3.0 | -3.5 | -3.7 |
| Bilanċ primarju | -8.0 | -5.4 | -3.8 | -1.9 | -0.3 | 0.3 | 0.9 | -1.5 | -2.0 | -2.0 |
| Bilanċ aġġustat ċiklikament | -8.8 | -5.5 | -4.1 | -2.0 | -1.0 | -0.5 | -0.3 | -3.0 | -3.8 | -3.9 |
| Bilanċ primarju aġġustat ċiklikament | -7.3 | -4.0 | -2.5 | -0.2 | 0.8 | 1.1 | 1.3 | -1.5 | -2.2 | -2.3 |
| Bilanċ strutturali tal-gvern | | -5.6 | -2.9 | -2.5 | -1.0 | -0.6 | -0.6 | -2.6 | -3.9 | -4.0 |
| | | | | | | | | | | |
| Tkabbir tal-PDG | -7.1 | -0.8 | 1.1 | 0.6 | 3.5 | 3.1 | 3.9 | 4.8 | 4.3 | 3.7 |
| Tkabbir potenzjali | 1.9 | 1.3 | 1.1 | 1.8 | 1.7 | 2.1 | 2.8 | 3.5 | 3.5 | 3.6 |
| Marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni | -2.0 | -4.0 | -4.0 | -5.0 | -3.3 | -2.4 | -1.3 | -0.1 | 0.7 | 0.8 |

Nota:
* previżjoni tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni Ewropea
**Sors:** Il-Kummissjoni Ewropea